Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) ANTON TABONE
Aġent President

2 ta' Novembru, 2012

## ATT Nru. XVIII tal-2012

*ATT biex jemenda diversi liġijiet li għandhom x'jaqsmu mal-klassifikazzjoni tal-*films *u l-palk.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

**1.** It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att huwa l-Att tal-2012 li Jemenda Diversi Liġijiet li għandhom x'jaqsmu mal-klassifikazzjoni tal-*films* u l-palk.

Titolu fil-qosor.

### TAQSIMA I: Emenda għall-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija

**2.** Din it-Taqsima temenda l-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda mal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, hawnhekk iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "il-Kodiċi".

Emenda għall-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija. Kap. 10.

**3.** Il-paragrafu (e) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 203 tal-Kodiċi għandu jitħassar.

Emenda tal-artikolu 203 tal-Kodiċi.

## TAQSIMA II: Emenda għall-Att dwar il-Kunsill Malti għall-Kultura u l-Arti

Emenda għall-Att dwar il-Kunsill Malti għall-Kultura u l-Arti. Kap. 444.

**4.** Din it-Taqsima temenda l-Att dwar il-Kunsill Malti għall-Kultura u l-Arti u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda mal- Att dwar il-Kunsill Malti għall-Kultura u l-Arti, hawnhekk iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda tal-artikolu 33 tal-Att prinċipali.

**5.** Minnufih wara s-subartikolu (3) tal-artikolu 33 tal-Att prinċipali għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(4) Il-Ministru jista' wkoll jagħmel regolamenti dwar il-klassifikazzjoni tal-*films* u l-palk u l-ħidma u l-proċeduri tal-klassifikazzjoni għas-setturi tal-*films* u l-palk.".

---

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 516 tal-31 ta' Ottubru, 2012.

MICHAEL FRENDO
*Speaker*

RAYMOND SCICLUNA
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

---

VERŻJONI ELETTRONIKA



I assent.

**(L.S.)** ANTON TABONE
Acting President

2nd November, 2012

## ACT No. XVIII of 2012

*AN ACT to amend various laws relating to the classification of films and of dramatic and other stage productions.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same as follows:-

**1.** The short title of this Act is the Various Laws (Classification of Films and of Dramatic and other Stage Productions) (Amendment) Act, 2012. Short title.

### PART I: Amendments to the Code of Police Laws

**2.** This Part amends the Code of Police Laws, and it shall be read and construed as one with the Code of Police Laws, hereinafter in this Part referred to as "the Code". Amendment of the Code of Police Laws. Cap. 10.

**3.** Paragraph (e) of sub-article (1) of article 203 of the Code shall be deleted. Amendment of article 203 of the Code.

### PART II: Amendments to the Malta Council for Culture and the Arts Act

Amendment of the Malta Council for Culture and the Arts Act. Cap. 444.

**4.** This Part amends the Malta Council for Culture and the Arts Act and it shall be read and construed as one with the Malta Council for Culture and the Arts Act, hereinafter in this Part referred to as "the principal Act".

Amendment of article 33 of the principal Act.

**5.** Immediately after sub-article (3) of article 33 of the principal Act there shall be added the following new sub-article:

> "(4) The Minister may make regulations in respect of the classification of cinema and dramatic and other stage productions and the procedure related thereto.".

---

Passed by the House of Representatives at Sitting No. 516 of the 31st October, 2012.

MICHAEL FRENDO
*Speaker*

RAYMOND SCICLUNA
*Clerk to the House of Representatives*

---